



Ġabra tal-ġurisprudenza

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tal-31 ta' Marzu 2022 – Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (Ħsejjes ambjentali)

(Kawża C-687/20)¹

“Nuqqas ta’ Stat li jwettaq obbligu – Ambjent – Direttiva 2002/49/KE – Evalwazzjoni u ġestjoni tal-ħsejjes ambjentali – Agglomerazzjonijiet, toroq maġġuri u ferroviji maġġuri – Artikolu 7(2) – Mapep strateġiċi tal-ħsejjes – Artikolu 8(2) – Pjanijiet ta’ azzjoni – Artikolu 10(2) – Anness VI – Informazzjoni pprovduta mill-mapep strateġiċi tal-ħsejjes – Sommarji tal-pjanijiet ta’ azzjoni – Nuqqas ta’ komunikazzjoni lill-Kummissjoni Ewropea fit-termini previsti”

1. *Ambjent – Evalwazzjoni u ġestjoni tal-ħsejjes ambjentali – Direttiva 2002/49 – Obbligu tal-Istati Membri li jistabbilixxu mapep strateġiċi tal-ħsejjes għall-agglomerazzjonijiet, toroq maġġuri u ferroviji maġġuri – Obbligu li tiġi kkomunikata l-informazzjoni pprovduta mill-imsemmija mapep lill-Kummissjoni – Nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu (Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2002/49, l-ewwel subparagraph tal-Artikolu 7(2) u l-Artikolu 10(1), u l-Anness VI) (ara l-punti 38, 39, u d-dispożittiv 1)*

2. *Ambjent – Evalwazzjoni u ġestjoni tal-ħsejjes ambjentali – Direttiva 2002/49 – Obbligu tal-Istati Membri li jistabbilixxu pjanijiet ta’ azzjoni għall-agglomerazzjonijiet, toroq maġġuri u ferroviji maġġuri – Obbligu li jiġu kkomunikati s-sommarji tal-imsemmija pjanijiet ta’ azzjoni lill-Kummissjoni – Nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu – Ġustifikazzjoni bbażata fuq l-assenza ta’ popolazzjoni esposta għall-ħsejjes ambjentali – Inammissibbiltà (Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2002/49, Artikoli 2(1), 8(2) u 10(2), u l-Anness VI) (ara l-punti 40-47, 52-55, 57, u d-dispożittiv 1)*

¹ ĠU C 62, 22.2.2021.

Dispożittiv

- 1) Ir-Repubblika Portugiża, minn naħħa, billi ma stabbilixxietx mapep strateġiċi tal-ħsejjes dwar it-toroq maġġuri PT_a_rd00410, PT_a_rd00458, PT_a_rd00460, PT_a_rd00462 u PT_a_rd00633 u lanqas pjanijet ta' azzjoni għall-agglomerazzjonijiet ta' Amadora u ta' Porto kif ukoll għat-toroq maġġuri u l-ferroviji maġġuri msemmija fl-anness ta' din is-sentenza, u, min-naħħa l-oħra, billi ma kkomunikatx lill-Kummissjoni Ewropea l-informazzjoni pprovduta minn dawn il-mapep u lanqas is-sommarji ta' dawn il-pjanijiet ta' azzjoni, naqset mill-obbligi imposti fuqha bis-sahħha tal-ewwel subparagraphu tal-Artikolu 7(2), tal-Artikolu 8(2) u tal-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002 li tirrigwardja l-istudju u l-amministrazzjoni tal-ħsejjes ambjentali, moqrija flimkien mal-Anness VI ta' din id-direttiva.
- 2) Ir-Repubblika Portugiża hija kkundannata għall-ispejjeż.